Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

## Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 486** **Ġunju 2017**

### *Siltiet mill-Omelija tal-Papa*
### *fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beati Franciso u Jacinta Marto*
### *Fatima, Portugal – 13 ta' Mejju 2017*

... Għeżież pellegrini, aħna għandna Omm, għandna Omm! Imqabbdin magħha bħal ulied, ngħixu bit-tama mistrieħa fuq Ġesù, għax, kif smajna fit-Tieni Qari, "dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu Ġesù Kristu" (Rum 5:17). Meta Ġesù tela' fis-Sema, wassal fi ħdan il-Missier tas-Sema l-umanità – l-umanità tagħna – li kien irċieva fil-ġuf tal-Omm Verġni, u li issa qatt iżjed ma jitlaqha. Bħal ankra, ejjew inqiegħdu t-tama tagħna f'dik l-umanità li issa tinsab fil-Ġenna fuq il-lemin tal-Missier (ara Efes 2:6). Din it-tama tkun il-lieva tal-ħajja tagħna kollha! Tama li żżommna dejjem, sal-aħħar nifs tagħna.

Qawwija b'din it-tama, inġbarna hawn biex irroddu ħajr tal-għadd bla qies ta' barkiet li qlajna mis-Sema matul dawn il-mitt sena, li għaddew minn taħt il-mant tad-Dawl li l-Madonna, ibda minn dan il-Portugall għani bit-tama, xerrdet mal-erbat irjieħ tad-dinja. Bħala eżempji, għandna quddiem għajnejna lil San Francesco Marto u Santa Ġjaċinta, li l-Verġni Marija daħħlet fil-baħar bla tarf tad-Dawl ta' Alla billi wasslithom biex jadurawh. Minn hawn ġiet il-qawwa tagħhom li jegħlbu l-kuntrarju u t-tbatijiet. Il-preżenza divina saret kostanti fil-ħajja tagħhom, kif jidher ċar fit-talba insistenti għall-midinbin u fix-xewqa kontinwa li jibqgħu quddiem "Ġesù Moħbi" fit-Tabernaklu...

Grazzi, ħuti, li akkumpanjajtuni! Ma stajtx ma niġix hawn biex inqim lill-Omm Verġni u nafdalha lil uliedha. Taħt il-mant tagħha ma jintilfux; minn dirgħajha jiġu t-tama u l-paċi li tant għandhom bżonn u li jien nitlob għal ħuti kollha fil-Magħmudija u fl-umanità, b'mod partikulari għall-morda u l-persuni b'diżabbiltà, il-ħabsin u l-qiegħda, il-foqra u l-imwarrbin. Għeżież ħuti, ejjew nitolbu lil Alla bit-tama li jisimgħuna l-bnedmin; u nduru fuq il-bnedmin biċ-ċertezza li jaqbeż għalina Alla. (*Ħajr: Laikos.org.*)

---

### POSTULAZZJONI GĦALL-BEATIFIKAZZJONI TA' DUN MIKIEL ATTARD

Adorazzjoni u talb b'riflessjonijiet fuq il-kitbiet ta' Dun Mikiel Attard

*Il-Ħamis 1 ta' Ġunju*

*Seminarju: 7.00-8.00pm*

---

### INFAKKRU L-10 ANNIVERSARJU MILL-KANONIZZAZZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA

**3 TA' ĠUNJU 2017**

*Nitolbu għas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) u għall-Katekisti kollha tad-Djoċesi.*

---

### ĊELEBRAZZJONI MARJANA GĦALL-KATEKISTI

fl-okkażjoni tal-100 sena mid-Dehriet ta' Fatima

Santwarju Arċipretali ta' Marija Assunta, iż-Żebbuġ

L-Erbgħa 7 ta' Ġunju – 6.30pm

Imexxi l-E.T. Monsinjur Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Ikun hemm Ruzarju, Quddiesa u Affidament tal-katekisti kollha lill-Verġni Mbierka

*Il-Katekisti u s-soċji tal-MUSEUM tad-Djoċesi huma mistiedna jattendu.*

---

### SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ

**Jum Dinji ta' Talb għall-qdusija tas-saċerdoti**

**Il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju**

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi knejjes oħra ssir ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

*Fil-Parroċċa tal-Fontana ssir Siegħa Adorazzjoni (5.00pm) għall-Qdusija tas-Saċerdoti stess, mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.*

---

### Jum IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU lil Karmni Grima

**Il-Ħamis 22 ta' Ġunju**

Nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2017 jaħbat il-134 Anniversarju ta' meta, permezz ta' Karmni Grima, il-Madonna sejħitilna « Ejja, Ejja » u stednitna nersqu lejha. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.

Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum, fid-9.00am ikun hemm Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex, li jiġi mxandar minn Radju Marija. Fl-10.10am tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija, u mis-1.00 sal-4.30p.m ssir l-adorazzjoni. Quddies fil-5.00p.m u fit-8.00pm.Fid-9.00pm.purċissjoni u Rużarju mill-Isqof Mario Grech.

---

### ORDINAZZJONI TA' DJAKNU

**(Joseph Hili)**

Il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2017

Knisja Katidrali – 6.30pm

*Nitolbu għall-Vokazzjonijiet.*

| | |
|---|---|
| 1. IL-Ħamis | San Ġustinu, Martri. Tifkira (O). / Ġurnata adorazzjoni b'talb għall-vokazzjonijiet (Seminarju: 7.30am-7.00pm). / Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dan San Ġużepp, Santa Venera, Malta). / Adorazzjoni b'riflessjonijiet fuq il-kitbiet ta' Dun Mikiel Attard (Seminarju - 7.00-8.00pm). |
| 2. Il-Ġimgħa | San Marċellinu u San San Pietru, Martri (Tifkira).<br>**L-ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II - 8.30pm).<br>Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.30pm. Nofsiegħa qabel ikun hemm il-qrar). |
| 3. Is-Sibt | San Karlu Lwanga u sħabu, Martri. Tifkira (O). / L-ewwel Sibt tax-xahar.<br>L-10 Anniversarju mill- Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca (3/06/2007).<br>Filgħaxija Vġili ta' Għid il-Ħamsin. / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Oratorju Don Bosco - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **4. Il-Ħadd** | **Għid il-Ħamsin. Solennità. / Jum l-Apostolat tal-Lajċi.** |
| 5. It-Tnejn | San Bonifaċju, Isqof u Martri. Tifkira (O). |
| 6.It-Tlieta | San Norbertu, Isqof. Tifkira. |
| 7. L-Erbgħa | Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. / Is-Sette Giugno (Festa Nazzjonali).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani.<br>Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II - 7.30pm). |
| 8. Il-Ħamis | Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-familja (Dan San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 9. Il-Ġimgħa | San Efrem, Djaknu u Duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 10. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **11. Il-Ħadd** | **It-Trintà Qaddisa, Solennità. Sena A.**<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur (Parroċċa Għasri). |
| 12. It-Tnejn | Jum Dinji kontra ix-Xogħol tat-Tfal (ĠM). |
| 13. It-Tlieta | Sant'Antnin ta' Padova, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima (Knisja ta' Ħamet: 6.00pm: Adorazzjoni \|7.00pm: Quddiesa u Pellegrinaġġ ta' Talb). |
| 14. L-Erbgħa | Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm (ĠM). / Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 15.Il-Ħamis | Ordinazzjoni Djakonali tas-Seminarista Joseph Hili (Katidral - 6.30pm). |
| 16. Il-Ġimgħa | Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwann Pawlu II - 8.00pm). |
| 17. Is-Sibt | Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali - 4.30pm).<br>Quddiesa u Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa taL-Munxar (7.15pm-9.15pm). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Katidrali, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **18. Il-Ħadd** | **Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej. Solennità / Jum il-Missier.**<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (Parroċċa Fontana). |
| 19. It-Tnejn | San Romwaldu, Abbati. Tifkira. |
| 20. It-Tlieta | San Silverju, Papa. Tifkira. |
| 21. L-Erbgħa | San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż.Tifkira (O) / It-8 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 22.Il-Ħamis | Tifkira tal-134-Anniversarju tas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu lil Karmni Grima.<br>Festa fis-Santwarju Ta' Pinu. |
| 23.Il-Ġimgħa | **Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Solennità.** / Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-saċerdoti.<br>Adorazzjoni għas-saċerdoti (Fontana -5.00pm). |
| 24. Is-Sibt | It-Twelid ta' San Ġwann Battista. Solennità.<br>Tberik tat-Tarbija fil-Ġuf (Ta' Pinu - 6.30pm). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **25. Il-Ħadd** | **It-Tnax-il Ħadd tas-Sena A.**<br>Festa ta' San Ġwann Battista (Parroċċa Xewkija). |
| 26. It-Tnejn | Jum Internazzjonali kontra d-Droga (ĠM). |
| 27. It-Tlieta | San Ċirillu ta' Lixandra, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 28. L-Erbgħa | San Irinew, Isqof u Martri. Tifkira (O). / Id-9 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Filgħaxija Vġili ta' San Pietru u San Pawl, Appostli. |
| **29. Il-Ħamis** | **San Pietru u San Pawl, Appostli. Solennità**.<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl (Parroċċa Nadur). |
| 30. Il-Ġimgħa | L-Ewwel Martri ta' Ruma.Tifkira. |